(a) tavviċina l-inħawi ta' Tigné, Tas-Sliema b'mod partikolari iżda mhux limitatament għall-indirizz Caravaggio Court, T4B 1, Il-Ponta ta' Tigné, Tas-Sliema;

(b) tavviċina jew tikkomunika bi kwalunkwe mezz possibbli (inkluż telefoniku, permezz ta' messaġġi u/jew permezz ta' social media) mal-minuri mingħajr superviżjoni regolata mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal;

Tilqa' l-ħames talba u konsegwentement ai termini tal-Artikolu 19(1)(ċ) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-omm sabiex issegwi Ordni ta' Trattament bil-għan li tieħu l-kura għad-dipendenza tal-użu tad-droga u sabiex tirċievi kura psikjatrika;

Tilqa' s-sitt talba u ai termini tal-Artikolu18(5) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta tappunta r-rikors odjern għas-smigħ għal nhar l-24 ta' Ġunju, 2025, fid-9.00 am, u tinsab differita għat-3 ta' Ottubru, 2025, fid-9.15 a.m.

Tilqa' s-seba' talba u ai termini tal-artikolu 25 tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta tappunta lil Dott. Rosanna Ciliberti bħala Avukat tat-Tfal sabiex tipprovdi spjegazzjoni, tipprovdi kull informazzjoni lill-minuri, tassisti u tippreżenta l-fehmiet tal-minuri quddiem din il-Qorti;

Dwar it-tmien talba, il-Qorti tirriserva li tiddeċiedi fl-istadju opportun u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-istess talba f'dan l-istadju u dan sakemm jinstemgħu l-provi quddiemha;

[omissis]

Tordna notifika ta' dan id-digriet lil Angela Galea u lil John Luke Schembri fost oħrajn.

Illum 20 ta' Ġunju, 2025

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 29 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

so that subsequently this Court will see whether it should authorise and/or confirm such intention o meno;

Uphold limitedly the fourth demand and in terms of Article 18 (3) of Cap. 602 of the Laws of Malta orders that the mother should not:

(a) approaches Tigné, Tas-Sliema area in particular but not limited to Caravaggio Court, T4B, Il-Ponta ta' Tigné, Tas-Sliema;

(b) approach or communicate by any possible means (including telephonic, messaging and/or social media) with the minor without supervision regulated by the Directorate for Child Protection;

Uphold the fifth demand and consequently in terms of Article 19 (1) (of Cap. 602 of the Laws of Malta orders the mother to follow a treatment order with the aim of taking care for drug dependence and to receive psychiatric care;

Upholds the sixth demand and appoints the present application for hearing in terms of Article 18 (5) of Cap. 602 of the Laws of Malta for the 24th June, 2025, at 9.00 a.m. which was deferred to the 3rd October, 2025, at 9.15 a.m.;

Uphold the seventh demand and consequently appoint Dr Rosanna Ciliberti as children's Advocate to provide an explanation, provide any information to the minor, assist and present the views of the minor before this Court in terms of Article 25 of Cap. 602 of the Laws of Malta;

Regarding the eighty demand the Court reserves to decide at the opportune stage and consequently abstain from taking cognizance of the same demand at this stage and this till the proof is heard before it.

[omissis]

Orders the notification of this decree to the respondents Angela Galea and John Luke Schembri.

Today 20th June, 2025

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 29th August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2222

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fis-7 ta' Awwissu, 2025, fl-atti tar-rikors numru 153/2024AC, fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Melanie

By means of a decree of the 7th August, 2025, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 153/2024AC in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services

Busuttil, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Melanie Busuttil a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota fl-atti tar-rikors numru 153/2024AC fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Melanie Busuttil (KI 384683M), ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fid-19 ta' Frar, 2025, ir-rikorrenti Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali ippreżenta l-pjan ta' kura u r-rapport bir-rakkomandazzjoni favur il-minuri hawn anness u mmarkat Dok. EB u dan ai termini tal-Artikolu 20(10) u Artikolu 20(11) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' digriet tal-24 ta' Frar, 2025, il-Qorti ordnat li l-intimata Melanie Busuttil fost oħrajn jiġu notifikati, li jkollhom sas-seduta li jmiss għal risposta.

Il-kawża fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Melanie Busuttil (Rikors numru 153/2024AC) tinsab differita għall-14 ta' Novembru, 2025, fl-10.30 a.m.

Esponenti – 220, Canon Road, Santa Venera.

Notifika: Melanie Busuttil, 222, Paradise, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 29 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

vs Melanie Busuttil, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Melanie Busuttil in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a note in the records of Application Number 153/2024AC in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Melanie Busuttil (ID 384683M) filed in the Juvenile Court, on the 19th February, 2025, the applicant Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services filed a care plan and a report with recommendations in favour of the minor here attached and marked as Doc. EB and this in terms of Article 20(10) and Article 20(11) of Cap. 602 of the Laws of Malta.

By means of a decree of the 24th February, 2025, the Court ordered that Melaine Busuttil amongst others be notified to file a reply till the next sitting.

The case (Application number 153/2024AC) in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Melanie Busuttil is postponed to the 14th November, 2025, at 10.30 a.m.

Applicant - 220, Cannon Road, Santa Venera.

Notification: Melanie Busuttil, 222, Paradise, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 29th August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2223

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fit-18 ta' Awwissu, 2025, fl-atti tar-rikors numru 81/2024AC, fl-atti tal-kawża Pjan ta' Permanenza Alternattiv J. C. ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Edith Cutajar u Rodnick Cassar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota tal-Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tat-Tfal fl-atti tal-kawża numru 81/2024AC ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fis-26 ta' Ġunju, 2024, ir-rikorrenti Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tat-Tfal ippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu wara d-deċiżjonijiet li ttieħdu minnu fis-16 ta' Mejju, 2024, annessa u mmarkata bħala Dok. A u kif ukoll qed jippreżenta l-pjan ta' permanenza hawn anness u mmarkat Dok. B. Il-Bord qed jirrakkomanda mhux biss l-istat ta' permanenza tal-minuri imma anke li dan jiġi meħlus għall-adozzjoni.

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Lulju, 2024, il-Qorti wara li rat id-dokument esibiti.

By means of a decree of the 18th August, 2025, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 81/2024AC in the acts of the application Alternative Permanency Plan J. C., the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Edith Cutajar and Rodnick Cassar in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a note in the names The Minors Care Review Board filed in the Juvenile Court, on the 26th June, 2024, in the acts of the Application number 81/2024AC, the applicant the Minors Care Review Board filed its recommendations on the decision it has taken on the 16th May, 2024, here attached and marked as Dok. A and as well as presenting the permanency plan here attached and marked Doc. B. the Board is recommending not only the state of permanence of the minor but also that he be freed for adoption.

By means of a decree given on the 18th July, 2024, the Court after having seen the exhibited document.

Rat l-Artikolu 23(1)(4)(5) u 33(7) tal-Kap. 602;

Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u mid-dokumenti esibiti u l-kontenut tagħhom mhuwiex għaqli li tisma' lill-minuri ai termini tal-Artikolu 17(1) tal-Kap. 602 u lanqas hemm bżonn li tisma' fehmiet oħra.

Peress illi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-pjan ta' permanenza alternattiv kif propsot hu fl-aħjar interess tal-minuri, tordna li dan għandu jidħol fis-seħħ b'mod immedjat.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti:

Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri kkonċernati tkun vestita fid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) lis-Sinjura Remenda Grech (KI 28184M) b'dan li l-awtorizzazzjoni medika, edukattiva u psikoloġika tkun vestita u fdata f'idejn l-istess Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) is-Sinjura Remanda Grech (KI 28184M).

Tordna notifika ta' dan id-digriet lil Edith Cutajar u Rodnich Cassar fost oħrajn.

Esponenti: Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tal-Minuri , 469, Bugeja Institute, Triq il-Kbira, Santa Venera

Notifika: Edith Cutajar, 69, St George, Triq l-Isqof Scicluna, Ħal Qormi

Rodnick Cassar, 80, Flat 2, Triq Santa Luċija, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 29 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Having seen Article 23 (1) (4) (5) and 33 (7) of Cap 602;

The Court considers that in the circumstances of the case and from the documents exhibited and their contents it is not wise to hear the minor in terms of Article 17 (1) of Cap 602 nor is it necessary to hear other views.

Since this Court is of the opinion that the alternative permanence plan as proposed is in the best interest of the minor, it orders that this should come into effect immediately.

In the circumstances thus this Court:

Order that the care and custody of the minor concerned be vested in the Director Alternative Care (Children and Youths) Mrs Remenda Grech (ID 28184M) provided that the medical, educational and psychological authorisation will be vested and entrusted to the Director Alternative Care (Children and Youths) Ms Remanda Grech (ID 28184M).

Orders the notification of this decree to Edith Cutajar and Rodnich Cassar amongst others.

Applicant: The Minors Care Review Board, 469, Bugeja Institute, Triq il-Kbira, Santa Venera

Notification: Edith Cutajar, 69, St George, Triq l-Isqof Scicluna, Ħal Qormi

Rodnick Cassar, 80, Flat 2, Triq Santa Luċija, Valletta

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 29th August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2224

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Lulju, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Regina Egle Liotta vs Tangiers International Ltd, Rikors numru 182/2025JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Tangiers International Ltd a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Regina Egle Liotta (KI 0056209A) vs Tangiers International Ltd (C43806) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fit-28 ta' Mejju, 2025, ir-rikorrenti Regina Egle Liotta (KI 0056209A) talbet lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jisma', jaqta' u jiddeciedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jordna lis-soċjetà intimata sabiex tidher quddiem dan l-Onorabbli Bord fil-jum u fil-ħin li jigi mogħti a tenur tal-Artikolu 167(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

By means of a decree of the 7th July, 2025, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Regina Egle Liotta vs Tangiers International Ltd, Application Number 182/2025JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Tangiers International Ltd in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Regina Egle Liotta (ID 0056209A) vs Tangiers International Ltd (C 43806) filed in the Rent Regulation Board, on the 28th May, 2025, the applicant Regina Egle Liotta (ID 0056209A) requested this Honourable Board why it should not:

1. Hear, determine and decide this cause without proceeding to trial in terms of Article 167 of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Order the respondent company to appear before this Honourable Board on the day and time that is given in terms of Article 167 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta;

3. Jiddikjara li s-soċjetà intimata hija moruża fil-ħlas talkera għall-fond fuq deskritt 54, Triq Melita, Il-Belt Valletta VLT 1122, Malta;

4. Jordna lill-konvenut sabiex jiżgumbraw mill-fond binnumru ufficjali 54, Triq Melita, Il-Belt Valletta VLT 1122, Malta, f'terminu qasir u perentorju li jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Bord u jikkonsenjaw iċ-ċavetta tal-istess fond lill-attriċi;

5. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu danni għall-okkupazzjoni illegali tal-fond okkupat minnhom saddata tal-imsemmi żgumbrament;

6. Tordna lill-intimati sabiex ukoll fl-istess żmien iħallsu l-kontijiet pendenti relatati mas-servizzi ta' dawl u tal-ilma fil-proprjetà mertu ta'din il-kawża.

Bl-ispejjeż, u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti kontra l-konvenuta li minn issa hija inġunta in subizzjoni.

Rikorrenti: Villa Bellavista, Triq Antoine Camilleri, Il-Madliena, Is-Swieqi, Malta

Intimata: Tangiers International Ltd, 54, Triq Melita, Il-Belt Valletta VLT 1122, Malta

Ir-rikors fl-ismijiet Regina Egle Liotta vs Tangiers International Limited, rikors numru 182/2025JG jinsab differit għad-29 ta' Settembru, 2025, fl-10.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Settembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Declare that the respondent company is in delay in the payment of rent for the premises above described 54, Triq Melita, Valletta VLT 1122, Malta;

4. Order the respondent to vacate the premises with official number 54, Triq Melita, Valletta VLT 1122, Malta, within a short and peremptory period which shall be fixed by this Honourable Board and deliver the key of the same premises to the plaintiff;

5. Order the respondent or either of whom to pay damages for the illegal occupation of the premises occupied by them till the date of the said eviction;

6. Order the respondent so that within the same time they pay the pending bills related to water and electricity services in the property subject matter of this cause.

With costs, and reserving the right to any other action due to the applicants against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: Villa Bellavista, Triq Antoine Camilleri, Madliena, Swieqi, Malta

Respondent: Tangiers International Ltd, 54, Triq Melita, Valletta VLT 1122, Malta

The application in the names Regina Egle Liotta vs Tangiers International Ltd, Application Number 182/2025JG has been postponed for hearing to the 29th September, 2025, at 10.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 1st September, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2225

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2024, fuq talba ta' Charles Cardona et ġie ordnat biex taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-Perit Giuseppe Colombo, fl-atti taċ-ċedola numru 1174/2024 fl-ismijiet Charles Cardona et vs Kuraturi Deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1174/2024 fl-ismijiet Charles Cardona (143187M) iben Joseph Cardona u Maria Theresa Cardona née Galea, imwieled Tal-Pietà fis-16 ta' Marzu, 1987, u residenti Paola

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 30th May, 2024, following a request of Charles Cardona et it was ordered that deputy curators be appointed to represent the unknown heirs of Architect Giuseppe Colombo, in the acts of the schedule of deposit number 1174/2024 in the names Charles Cardona et vs Deputy Curators in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and contextual redemption of groundrent number 1174/2024 in the names Charles Cardona (143187M) son of Joseph Cardona and Maria Theresa Cardona née Galea, born in Tal-Pietà on the

flimkien ma' martu l-Avukat Dott. Dorita Cardona née Debono (1287M), bint Francis Debono u Victoria Debono née Chircop, imwielda Tal-Pietà fis-7 ta' Diċembru, 1986, u resideti Paola għal kull interess li jista' jkollha vs Kuraturi Deputati tal-eredi mhux magħrufa tal-Perit Giuseppe Colombo ppreżentat fit-29 ta' Mejju, 2024, fejn Charles Cardona u martu l-Avukat Dott. Dorita Cardona għal kull interess li jista' jkollha jesponu bir-rispett:

Illi l-esponent Charles Cardona huwa s-sid tal-lok ta' djar li jġibu n-numri 122 u 123, fi Triq San Ġużepp, Raħal Ġdid, li jinfdu minn wieħed għall-ieħor u bis-sottoswol tagħhom, filwaqt li l-fond li jġib in-numru 122 qiegħed sottopost għall-imsemmi fond li jġib in-numru 123, liema fond bin-numru 123 għandu l-arja libera tiegħu;

Illi l-esponenti Charles Cardona kien akkwista dawn il-lok ta' djar deskritti fil-paragrafu 1 hawn fuq qabel iż-żwieġ tiegħu ma' martu l-Avukat Dott. Dorita Cardona kwantu għas-sehem ta' nofs indiviż b'titolu oneruż permezz ta' kuntratt redatt fl-atti tan-Nutara Dott. Loredana Debono tat-2 ta' Diċembru, 2010 (kopja annessa u mmarkata Dok. 'A') filwaqt li kien akkwista r-rimanenti nofs sehem indiviż b'titolu oneruż permezz ta' kuntratt ieħor redatt fl-atti tal-istess Nutara Dott. Loredana Micallef née Debono tat-2 ta' Frar, 2016 (kopja tal-kuntratt relativv anness u mmarkat bħala Dok. 'B');

Illi l-esponenti Charles Cardona kien akkwista dan il-lok ta' djar deskritti fil-paragrafu 1 hawn fuq suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħames ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€5.82) kull wieħed, u ċoè bl-ammont globali ta' ħdax-il ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€11.64), mill-bqija liberi u franki bid-drittijiet, ġustijiet u pertinenzi kollha tagħhom;

Illi dawn il-lok ta' djar deskritti fil-paragrafu 1 hawn fuq illum huma d-dar matrimonjali tal-esponenti konjuġi Cardona;

Illi ma' din iċ-ċedola qiegħda tiġi wkoll annessa pjanta tal-proprjetà inkwistjoni u mmarkata bħala Dok. 'C';

Illi l-art fejn ġew mibnija dawn il-lok ta' djar deskritti fil-paragrafu 1 hawn fuq kienet tifforma parti minn art akbar mit-territorju magħruf bħala Tal-Borg f'Casal Paola, u li minn riċerka li saret biex jiġi intraċċat id-direttarju rriżulta li oriġinarjament iċ-ċens annwu u perpetwu oriġinali kien ġie impost mill-Gvern Ċivili ta' Malta favur il-Perit Giuseppe Colombo b'effett mid-data tal-att permezz ta' kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dott. Giuseppe Grech tal-5 ta' Diċembru, 1934 (kopja tal-kuntratt relattiv anness u mmarkat Dok. 'D') filwaqt illi s-subċens annwu u perpetwu kien ġie impost mill-Perit Giuseppe Colombo favur Gaetano Abdilla permezz ta' kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Giovanni Vella tal-14 ta' Marzu, 1935 (kopja tal-kuntratt relattiv anness u mmarkat Dok. 'E');

16th March, 1987, and residing at Paola together with his wife Advocate Dr Dorita Cardona née Debono (1287M), daughter of Francis Debono and Victoria Debono née 'Chircop, born in Tal-Pietà on the 7th December, 1986, and residing at Paola for any interest she may have vs Deputy Curators of the unknown heirs of Architect Giuseppe Colombo filed on the 29th May, 2024, whereby Charles Cardona and his wife Advocate Dr Dorita Cardona for any interest she may have respectfully submitted:

That the interpellant Charles Cardona is the owner of the houses bearing numbers 122 and 123, in Triq San Ġużepp, Paola, which are interconnected with each other and with their subsoil, whilst the premises bearing number 122 is underlaying the said premises bearing number 123, which premises with number 123 have its own airspace;

That the interpellant Charles Cardona had acquired these premises described in paragraph 1 above before his marriage with his wife Advocate Dr Dorita Cardona as for the half undivided share by onerous title by means of a contract drawn up in the records of Notary Dr Loredana Debono of the 2nd December, 2010 (copy attached and marked Doc. 'A') whilst he had acquired the remaining half undivided share by onerous title by means of another contract drawn up in the records of Notary Dr Loredana Micallef née 'Debono of the 2nd February, 2016 (copy of relative deed attached and marked as Doc. 'B');

That the interpellant Charles Cardona had acquired this premises described in paragraph 1 above subject to the annual and perpetual groundrent of five euro and eighty two cents (€5.82) each, and namely with the global amount of eleven euro and sixty four cents (€11.64), otherwise free and unencumbered with all their rights, enjoyments and appurtenances;

That these premises described in paragraph 1 above today are the matrimonial home of the applicant spouses Cardona;

That with this schedule of deposit a plan of the property in question is being attached and marked as Doc. 'C';

That the land where these premises described in paragraph 1 above were built formed part of a larger land than the territory known as Tal-Borg in Casal Paola, and that from research carried out to trace the owner it resulted that originally the original annual and perpetual groundrent was imposed by the Civil Government of Malta in favour of Architect Giuseppe Colombo with effect from the date of the deed by means of a contract drawn up in the records of Notary doctor Giuseppe Grech of the 5th December, 1934 (copy of the relative deed attached and marked Doc. 'D') whilst the annual and perpetual sub-groundrent was imposed by Architect Giuseppe Colombo in favour of Gaetano Abdilla by means of a contract drawn up in the records of Notary Giovanni Vella of the 14th March, 1935 (copy of the relative contract attached and marked Doc. 'E');

Illi ġie kkalkolat illi ċ-ċens oriġinali li llum huwa dovut lil-Lands Authority jammota għal seba' ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€7.89) u dan se jiġi mifdi separatament mill-esponenti mal-Lands Authority filwaqt li s-subċens li huwa dovut lill-Perit Giuseppe Colombo jew l-eredi tiegħu jammonta għal tliet euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€3.75);

Illi ċ-ċens u s-subċens annwu u perpetwu indikati fil-paragrafi 6 u 7 hawn fuq mhumiex rivedibbli;

Illi preżenjalment, mhux possibbli għall-esponenti illi jottjenu informazzjoni dwar l-identità tal-Perit Giuseppe Colombo u/jew tal-eredi tiegħu, u wisq inqas huwa magħruf jekk dawn il-persuni għadhomx ħajjin u/jew jirrisjedux hawn Malta;

Illi l-esponenti, bid-dritt mogħti lilhom permezz tal-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, jixtiequ jifdu s-subċens li jista' jkun għadu gravanti fuq il-proprjetà inkwistjoni, u għal dan il-għan, huma qegħdin jintavolaw kontestwalment mal-preżenti ċedola, rikors għall-ħatra ta' kuraturi sabiex jirrappreżentaw lis-sidien injoti tas-subdirett dominju tal-proprjetà hawn fuq imsemmija;

Illi s-subċens annwu u perpetwu ta' tliet ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€3.75) kapitalizzati bil-ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal ħamsa u sebgħin ewro (€75).

Illi, għal kull bon fini, l-esponenti sejrin ukoll permezz tal-preżenti jiddepożitaw is-somma ta' tmintax-il ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€18.75) ekwivalenti għall-aħħar ħames snin subċens annwu u perpetwu.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qegħdin jiddepożitaw is-somma ta' tlieta u disgħin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€93.75) konsistenti inkwantu għas-somma ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75) rappreżentanti l-fidwa tas-subċens, li huwa dovut lil u għandu jiġi żbankat mill-kuraturi in rappreżentanza tal-eredi mhux magħrufa tal-Perit Giuseppe Colombo, u dan wara li titħalla d-debita riċevuta.

Mittenti: Charles Cardona u martu l-Avukat Dott. Dorita Cardona, 122/123, Triq San Ġużepp, Paola PLA1027

Notifika: Direttur Reġistru Pubbliku, Identità, 126, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Reġistratur tal-Artijiet, Casa Bolino, Triq il-Punent, il-Belt Valletta

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

That it was calculated that the original groundrent which today is due to the Lands Authority amounts to seven euro and eighty nine cents (€7.89) and this will be redeemed separately by the applicants with the Land Authority whilst the sub-groundrent which is due to Architect Giuseppe Colombo or his heirs amounts to three euro and seventy five cents (€3.75);

That the annual and perpetual groundrent and sub-groundrent indicated in paragraphs 6 and 7 above are not revisable;

That presently, it is not possible for the applicants to obtain information regarding the identity of Architect Giuseppe Colombo and/or his heirs, and much less it is known whether these persons are still alive and/or reside here in Malta;

That the applicants, with the right given to them by means of Article 1501 of the Civil Code, wish to redeem the sub-groundrent which may still be burdening the property in question, and for this purpose, they are filing together with the present schedule of deposit, an application for the appointment of curators to represent the unknown owners of the sub-direct dominium of the property above mentioned;

That the annual and perpetual sub-groundrent of three euro and seventy five cents (€3.75) capitalised at five percent (5%) amounts to seventy five euro (€75).

That, for all intents and purposes, the applicants are also depositing by means of this present the sum of eighteen euro and seventy five cents (€18.75) equivalent to the last five years annual and perpetual sub-groundrent.

Thus, the applicants are calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the sum of ninety three euro and seventy five cents (€93.75) consisting as for the sum of seventy five euro (€75) representing the redemption of sub-groundrent, which is due to and is to be withdrawn by the curators in representation of the unknown heirs of Architect Giuseppe Colombo, and this after the due receipt is left.

applicants: Charles Cardona and his wife Advocate Dr Dorita Cardona, 122/123, Triq San Ġużepp, Paola PLA1027

Notify: Director Public Registry, Identità, 126, Triq l-Arċisqof, Valletta

Land Registrar, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Mark Simiana, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 30 ta' Mejju, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Mr Justice Mark Simiana, LLD, Doctor of Laws.

Today 30th May, 2024

Registry of the Superior Courts, today 29th August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2226

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-25 ta' Lulju, 2025, fuq talba ta' Raymond Cuschieri et ġie ordnat biex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw il-wirt battal ta' Lily Pace, fl-atti taċ-ċedola numru 1539/2025 fl-ismijiet Raymond Cuschieri et vs Kuraturi Deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' fidi ta' ċens numru 1539/2025 fl-ismijiet Raymond Cuschieri, fil-kummerċ, miżżewweġ, iben il-mejjet Francis magħruf bħala France Cuschieri u Mary Cuschieri née Cassar, imwieled Ħal Qormi fl-10 ta' Jannar, 1962 u joqgħod Ħ'Attard, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0550262M, Herman Cuschieri, fil-kummerc, miżżewweġ, iben il-mejjet Francis magħruf bħala France Cuschieri u Mary Cuschieri née Cassar, imwieled Ħal Qormi fil-31 ta' Lulju, 1966, u joqgħod Ħ'Attard, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0597163M, u Johann sive John Cuschieri, fil-kummerċ, miżżewweġ, iben il-mejjet Francis magħruf bħala France Cuschieri u Mary Cuschieri née Cassar, imwieled Ħ'Attard fid-19 ta' Frar, 1968, u joqgħod iż-Żebbuġ (Għawdex), detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0248668M vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw il-wirt battal ta' Lily Pace mart Robert Pace, bint il-mejtin Gavino Portelli u Virginia née Mifsud, imwielda l-Ħamrun u li kienet toqgħod il-Belt Valletta, ippreżentat fit-23 ta' Lulju, 2025, fejn Raymond Cuschieri, Herman Cuschieri u Johann sive John Cuschieri jesponew bir-rispett:

1. Illi l-missier l-esponenti, Francis magħruf bħala France Cuschieri, kien akkwista mingħand Lily Pace is-segwenti proprjetà mmobbli, ċoè:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 25th July, 2025, following a request of Raymond Cuschieri et it was ordered that deputy curators be appointed to represent the vacant inheritance of Lily Pace, in the acts of the schedule of deposit number 1539/2025 in the names Raymond Cuschieri et vs Deputy Curators in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of redemption of groundrent number 1539/2025 in the names Raymond Cuschieri, in business, married, son of the late Francis known as France Cuschieri and Mary Cuschieri née Cassar, born in Ħal Qormi on the 10th January, 1962, and residing in Ħ'Attard, holding identity card number 0550262M, Herman Cuschieri, in business, married, son of the late Francis known as France Cuschieri and Mary Cuschieri née Cassar, born in Ħal Qormi on the 31st July, 1966 and residing in Ħ'Attard, holding identity card number 0597163M, and Johann sive John Cuschieri, in business, married, son of the late Francis known as France Cuschieri and Mary Cuschieri née Cassar,born in Ħ'Attard on the 19th February, 1968, and residing in Żebbuġ (Gozo), holding identity card number 0248668M vs Deputy Curators to represent the vacant inheritance of Lily Pace wife of Robert Pace, daughter of the late Gavino Portelli and Virginia née Mifsud, born in Ħamrun and resided in Valletta, filed on the 23rd July, 2025, whereby Raymond Cuschieri, Herman Cuschieri and Johann sive John Cuschieri respectfully submitted:

1. That the father of the applicant, Francis known as France Cuschieri, had acquired from Lily Pace the following immovable property, namely:

i. B'att ippubblikat fid-19 ta' Mejju, 1954, fl-atti tan-Nutar Dott. Giuseppe Sammut (Dok. A) u sussegwentement korrett permezz tal-att pubbliku tat-2 ta' Mejju, 1957, fl-atti tal-istess Nutar (Dok. C), l-esponent akkwista, b'titolu ta' subemfitewsi perpetwa mid-data tal-istess att 'il quddiem, sit fabrikabbli fil-Ħamrun, bi faċċata fuq Via Canon, li jagħmel parti mill-għalqa imsejħa 'Tal-Mantikilja', tal-kejl ta' mija u tnejn u erbgħin u nofs qasba kwadri (142½qk) u li jikkonfina mit-Tramuntata ma' Canon Road, mill-Punent ma' art ta' Paul Brincat, jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, u mil-Lvant mas-sit infraskritt, versu s-subċens annwu u perpetwu ta' sbatax-il lira, sittax-il xelin u tliet soldi (£17.16x.3s), u

ii. B'att ippubblikat fis-17 ta' Novembru, 1955, fl-atti tan-Nutar Dott. Giuseppe Sammut (Dok. B), u sussegwentement korrett permezz tal-att pubbliku tat-2 ta' Mejju, 1957, fl-atti tal-istess Nutar (Dok. C), l-esponent akwista, b'titolu ta' subemfitewsi perpetwa mid-data tal-istess att, sit fabrikabbli fil-Ħamrun, bi faċċata fuq Via Canun, li jagħmel parti mill-għalqa msejħa 'Tal-Mantikilja', bi faċċata ta' tliet qasab linejari fuq l-imsemmija triq li jibdew jitkejlu mis-sit konċess lil Nazzareno Buttiġieg, jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, u jispiċċaw ħdejn is-sit ieħor proprjetà tal-esponent tal-kejl ta' tlieta u sittin qasba kwadra u nofs (63½qk) u li jikkonfina mit-Tramuntata ma' Canon Road, mill-Punent mas-sit deskritt u mil-Lvant ma' art ta' Nazzareno Buttiġieg, jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, versu is-subċens annwu u perpetwu ta' seba' liri, tmintax-il xelin u disa' soldi (£7.18x.9s), u

iii. B'att ippubblikat fit-2 ta' Mejju, 1957, fl-atti tan-Nutar Dr Giuseppe Sammut (Dok. C), l-esponent akkwista, b'titolu ta' subemfitewsi perpetwa mid-data tal-istess att, sit fabrikabbli illi jagħmel parti mill-għalqa imsejħa 'Tal-Mantikilja', b'faċċata ta' tliet qasab fuq Canon Road, tal-kejl superfiċjali ta' tmienja u erbgħin qasba kwadra (48qk) konfinanti mit-Tramuntana mat-triq, mil-Lvant ma' art ta' Antonio Spiteri u Emmanuele Spiteri, jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu, mill-Punent ma' sit ieħor tal-esponenti, versu s-subċens annwu u perpetwu ta' sitt liri (£6);

2. Illi fuq l-imsemmija atti jingħad ukoll illi f'każ isir trasferiment, ikun pagabbli lil Lily Pace laudemium ekwivalenti għal sena subċens;

3. Illi l-proprjetà hawn fuq imsemmija (aktar 'l isfel imsejħa il-'Proprjetajiet) għaddiet għand l-esponenti permezz ta' Kuntratt ta' Donazzjoni tal-25 ta' Settembru, 2008, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Pierre Attard, illi kopja tagħha qiegħda tiġi hawn annessa bħala Dok. D;

4. Illi pjanta maħruġa mir-Reġistru tal-Artijiet ossija l-Land Registry Plan tal-proprjetajiet qiegħda tiġi hawn anness u mmarkat 'LR';

i. By means of a deed published on the 19th May, 1954, in the records of Notary Doctor Giuseppe Sammut (Doc. A) and subsequently corrected by means of a public deed of the 2nd May, 1957, in the records of the same Notary (Doc. C), the applicant acquired, by title of perpetual sub-emphyteusis from the date of the same deed onwards, a factory site in Ħamrun, with a facade on via Canon, forming part of the field known as 'Tal-Mantikilja', measuring one hundred and forty-two and a half square canes (142 ½ square canes) and bounded on the north by Canon Road, on the West by land of Paul Brincat, or its successorsi in title, and from the east with the undermentioned site, towards the annual and perpetual sub-groundrent of seventeen liri, sixteen shillings and three pence (£17.16x.3s), and

ii. By means of a deed published on the 17th November, 1955, in the records of Notary Doctor Giuseppe Sammut (Doc. B), and subsequently corrected by means of a public deed of the 2nd May, 1957, in the records of the same Notary (Doc. C), the applicant acquired, by title of perpetual sub-emphyteusis from the date of the same deed, a factory site in Ħamrun, with a facade on via Canun, forming part of the field known as 'Tal-Mantikilja', with a facade of three linear canes on the said street which start being measured from the site granted to Nazzareno Buttiġieg, or his successors in title, and end with the other site owned by the applicant measuring sixty-three and a half square canes (63 ½ square canes) and bounded by the north with Canon Road, from the West with the site described and from the east with land of Nazzareno Buttiġieg, or his successors in title, towards the annual and perpetual sub-groundrent of seven liri, eighteen shillings and nine pence (£7.18x.9s), and

iii. By means of a deed published on the 2nd May, 1957, in the records of Notary Doctor Giuseppe Sammut (Doc. C), the applicant acquired, by title of perpetual sub-emphyteusis from the date of the same deed, a factory site forming part of the field known as 'Tal-Mantikilja', with a facade of three cane on Canon Road, of the superficial area of forty eight square canes (48 square canes) bounded on the north by the street, from the east with land of Antonio Spiteri and Emmanuele Spiteri, or their successors in title, from the West with another site of the applicants, towards the annual and perpetual sub-groundrent of six liri (£6);

2. That on the said act it is also stated that in case a transfer is made, a laudemium equivalent to one year sub-groundrent shall be payable to Lily Pace;

3. That the property above mentioned (hereinafter referred to as 'the properties') passed on to the applicant by means of a deed of donation of the 25th September 2008 published in the records of Notary Dr Pierre Attard, a copy of which is hereby attached as Doc. D;

4. That a plan issued by the Land Registry or rather the Land Registry Plan of the properties is hereby attached and marked 'LR';

5. Illi għalhekk l-imsemmija Proprjetajiet huma suġġetti għas-subċens imsemmija aktar 'il fuq illi b'kollox jammonta għas-somma komplessiva ta' wieħed u tletin lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm31.75c) illum ekwivalenti għal tlieta u sebgħin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmi (€73.95c);

6. Illi l-imsemmija Lily Pace hija mejta, iżda l-esponenti ma jafux min huma l-eredi tagħha u għalhekk jinħtieġ illi din l-Onorabbli Qorti taħtar Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw il-wirt battal tagħha;

7. Illi l-esponenti jixtiequ li jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà moghtija lilhom mill-Artikolu 1501 tal-Kap. 16, tal-Liġijiet ta' Malta, u jifdu l-imsemmi subċens annwu u perpetwu kif stipulat fil-liġi;

8. Illi għaldaqstant, l-esponenti qegħdin jiddepożitaw is-somma komplessiva ta' elf, disa' mija u tnejn u għoxrin ewro u sebgħin ċenteżmu (€1,922.70c), rappreżentanti s-segwenti:

a) Is-somma ta' elf, erba' mija u disgħa u sebgħin ewro (€1,479) rappreżentanti l-prezz ta' fidi tas-subċnus annwi u perpetwi kif hawn fuq imsemmi u dan bir-rata ta' kapitalizzazzjoni ta' ħamsa fil-mija (5%),

b) Is-somma ta' tlieta u sebgħin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€73.95c) rappreżenti l-laudemium,

c) Is-somma ta' tliet mija u disgħa u sittin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€369.75c) rappreżentanti l-arretrati tal-ħlas ta' subċens relattivi għall-aħħar ħames (5) snin.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin jadixxu lil dina l-Onorabbli Qorti u jiddepożitaw taħt l-awtorità tagħha s-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u għoxrin ewro u sebgħin ċenteżmu (€1,922.70c) rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' elf, erba' mija u disgħa u sebgħin ewro (€1,479) fidi ta' subċens annwu u perpetwu gravanti fuq l-imsemmija Proprjetajiet, inkwantu għas-somma ta' tlieta u sebgħin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€73.95c) rappreżentanti l-laudemium, u inkwantu għas-somma ta' tliet mija u disgħa u sittin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€369.75c) rappreżentanti l-arretrati tal-ħlas ta' subċens relattivi għall-aħħar ħames (5) snin, liema somma għandha tiġi liberament żbankata minn min għandu jedd għaliha, mal-prova tat-titolu tagħhom lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali, u dan wara li dawn il-persuni jħallu d-debita riċevuta;

Mittenti: 14, Saint John, Triq il-Blanzuni, Ħ'Attard ATD1611

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt

5. That thus the said properties are subject to the sub-groundrent mentioned above which amounts in total to the global sum of thirty one Maltese Liri and five and seventy cents (Lm31.75c) today equivalent to seventy three euro and five and ninety cents (€73.95c);

6. That the said Lily Pace is dead, but the applicants do not know who her heirs are and therefore it is necessary that this Honourable Court appoint Deputy Curators to represent her vacant inheritance;

7. That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta, and redeem the said annual and perpetual sub-groundrent as stipulated in law;

8. Thus, the applicants are depositing the total amount of one thousand nine hundred and twenty two euros and seventy cents (€1,922.70 C), representing the following:

a) The sum of one thousand, four hundred and seventy-nine euro (€1,479) representing the redemption price of the annual and perpetual sub-groundrent as above mentioned and this at the capitalisation rate of five per cent (5%),

b) The sum of seventy three euro and ninety five cents (€73.95c) representing the laudemium,

c) The sum of three hundred and sixty nine euro and seventy five cents (€369.75c) representing the arrears of payment of subgroundrent relative to the last five (5) years.

Thus, the applicants are calling upon this Honourable Court and depositing under its authority the sum of one thousand, nine hundred and twenty two euros and seventy cents (€1,922.70c) representing as for the sum of one thousand, four hundred and seventy nine euro (€1,479) redemption of annual and perpetual sub-groundrent burdening the said properties, as for the sum of seventy three euro and ninety five cents (€73.95c) representing the laudemium, and as for the sum of three hundred and sixty nine euro and seventy five cents (€369.75c) representing the arrears of subgroundrent payments relative to the last five (5) years, which sum shall be freely withdrawn by the person entitled to it, upon proof of their title to the Registrar Civil Courts and Tribunals, and this after such persons leave the due receipt;

Applicant: 14, Saint John, Triq il-Blanzuni, Ħ'Attard ATD1611

Notify: Director Public Registry, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this

ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 25 ta' Lulju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of Hon. Mr Justice Lawrence Mintoff, LLD, Doctor of Laws.

This 25th July, 2025

Registry of the Superior Courts, today 29th August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2227

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-23 ta' Ottubru, 2024, fuq talba ta' Andrea Cilia et noe ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji jew sub direttarji mhux magħrufa, fl-atti taċ-ċedola numru 2203/2024 fl-ismijiet Andrea Cilia et noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

That thus the total amount of groundrent due to the successors in title of the direct owners Giuseppe Ciappara and Maria Concetta Ciappara amounts to one hundred and twenty nine euro and forty eight cents (€129.48) representing ninety nine euro and sixty cents (€99.60) price of redemption of this perpetual groundrent burdening the abovementioned immovable, and twenty four euros and ninety cents (€24.90) arrears of five (5) years grounhdrent and four euro and ninety eight cents (€4.98) a one (1) year laudemium;

That thus the total amount of groundrent due to the successors in title of the sub-direct owner Francesco Spiteri amounts to one hundred and eight euros and ninety four cents (€108.94) representing eighty three euros and eighty cents (€83.80) price of redemption of this perpetual groundrent regarding the above mentioned immovable, twenty euro and ninety five cents (€20.95) arrears of five (5) years groundrent and four euro and nineteen cents (€4.19) payment of one (1) year laudemium;

That the interpellant wish to avail themselves of the faculty given to him by Article 1501 of the Civil Code and redeem this same groundrent and thus amounts to two hundred thirty eight euro and forty two cents (€238.42).

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħed umilment jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taht l-awtorità tagħha jgħaddu sabiex jiddepożitaw l-ammont globali ta' mitejn tmienja u tletin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€238.42) minn liema ammont inkwantu l-ammont ta' mija disgħa u għoxrin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€129.48) hu dovut lis-suċċessuri fit-titolu tad-direttarji Giuseppe Ciappara u Maria Concetta Ciappara filwaqt illi r-rimanenti ammont ta' mija u tmien ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€108.94) hu dovut lis-suċċessuri fit-titolu tas-subdirettarji Francesco Spiteri biex jiġi mogħti liberament lis-sidien, wara li titħalla d-debita ricevuta.

Rikorrenti: Flat 6, Old Bailey, Triq E. Grech, Bubaqra, Iż-Żurrieq

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, 34, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Doreen Clarke, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 11 ta' Lulju, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority proceed to deposit the global amount of two hundred thirty eight euro and forty two cents (€238.42) from which amount as the amount of one hundred and twenty nine euro and forty eight cents (€129.48) is due to the successors in title of the direct owners Giuseppe Ciappara and Maria Concetta Ciappara whilst the remaining amount of one hundred and eight euros. and ninety-four cents (€108.94) is due to the successors in title of the sub-direct owner Francesco Spiteri to be freely given to the owners, after leaving the relative receipt.

Applicant: Flat 6, Old Bailey, Triq E. Grech, Bubaqra, Żurrieq

Notification: Director Public Registry, 34, Triq l-Arċisqof, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Doreen Clarke, LLD, Doctor of Laws.

Today 11th July, 2024

Registry of the Superior Courts, today 29th August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2235

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-24 ta' Lulju, 2025, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 24th May, 2025, following a request by Commissioner for Tax and Customs it was ordered that deputy curators be chosen to

lill-assenti Artur Hochberg fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1364/2025 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-26 ta' Marzu, 2025, tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Artur Hochberg (KI 0175806A) f'ismek personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Blue River Optimum Ltd (C80304) preżentement imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji fejn permezz tal-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €155,545.83 rappreżentanti l-ammont minnek dovut pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiz-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Mark Simiana LLD, Duttur tal-Liġi.

represent the absentee Artur Hochberg the acts of the judicial letter number 1364/2025 in the names Commissioner for Tax and Customs vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 26th March, 2025, by The Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, against deputy curators nominated to represent the absentee Artur Hochberg (ID 0175806A) in his own name and as director for and on behalf of the company Blue River Optimum Ltd (C80304) presently struck off from the Registrar of Companies, the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €155,545.83 representing amount due by you pro et noe as value added tax according to the same Act.

With costs and interest according to that Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants informs you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs, Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Mark Simiana LL.D, Doctor of Laws.

Illum 24 ta' Lulju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Today 24th July, 2025

Registry of the Superior Courts, today 29th August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2236

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Jannar, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1064/2024AB, fl-ismijiet: Mary sive Miriam Rocco (386252M) et vs Kuraturi Deputati noe (l-Avukat Dott. Mark Anthony Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud hekk kif nominati permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru, 2024) sabiex jirrappreżentaw ir-rimanenti porzjon ta' koproprjetarji mhux magħrufa, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 495A et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on 3rd January, 2025, in the acts of the Sworn Application number 1064/2024AB, in the names: Mary also known as Miriam Rocco (386252M) vs Deputy Curators (Lawyer Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar and Legal Procurator Veronica Rossignaud as appointed by decree issued on 28th October, 2024) to represent the remaining portion of unknown co-owners, the following publication has been ordered, pursuant to Article 495A et sequitur of Cap. 12, to serve as notification against the respondent.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Mary sive Miriam Rocco (386252M) et vs Kuraturi Deputati noe (l-Avukat Dott. Mark Anthony Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud hekk kif nominati permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru, 2024) sabiex jirrappreżentaw ir-rimanenti porzjon ta' ko-proprjetàrji mhux magħrufa ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Ottubru, 2024, jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu, Ronald Cuschieri, detentur tal-karta tal-identità numru 616957M, għan-nom tal-atturi kollha, jikkonferma illi:

Through an application in the names: Mary also known as Miriam Rocco (386252M) vs Deputy Curators (Lawyer Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar and Legal Procurator Veronica Rossignaud as appointed by decree given on 28th October, 2024) to represent the remaining portion of unknown co-owners, presented in the Civil Court, First Hall, on 3rd October, 2024, Ronald Cuschieri, holder of identity card number 616957M, on behalf of all plaintiffs, confirms with respect and his oath that:

1. Illi l-atturi huma lkoll koproprjetarji ta' fond f'Ħal Qormi, u dan flimkien mal-assenti koproprjetarji mhux magħrufa, tar-rimarrenti porzjon;

1. That the plaintiffs are all co-owners of the premises in Ħal Qormi, and this together with the absent co-owners unknown, of the remaining portion;

2. Illi l-proprjetà inkwistjoni hija konsistenti fid-dar binnumru wieħed (1) u tnejn (2) fi Pjazza San Franġisk (fil-konvenju msemmija Triq San Franġisk), Ħal Qormi;

2. That the property in question is consisting of the house with number one (1) and two (2) in Pjazza San Franġisk (in the preliminary agreement mentioned Triq San Franġisk), Ħal Qormi;

3. Illi l-atturi huma koproprjetarji ta' sitt ishma minn tmienja (6/8) tal-proprjetà surriferita, filwaqt illi r-rimarrenti sehem ta' żewġ ishma minn tmienja (2/8), jappartjeni lil koproprjetarji mhux magħrufa;

3. That the plaintiffs are co-owners of six shares out of eight (6/8) of the property above mentioned, whilst the remaining share of two shares out of eight (2/8), belongs to unknown co-owners;

4. Illi ai finijiet ta' kjarezza, qiegħed jiġi anness prospett grafiku, imħejji min-Nutar Dott. Rosalyn Aquilina, li juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed mit-titulari magħrufa għandu versu l-proprjetà inkwistjoni, hawn annessa w mmarkata bħala Dokument A;

4. That for the sake of clarity, a graphic prospectus is being attached, drawn up by Notary Dr Rosalyn Aquilina, showing the number and value of the shares that each of the recognised holders has towards the property in question, hereby attached and marked as Document A;

5. Illi sussegwentament, ir-rikorrenti dehru fuq skrittura ta' konvenju quddiem in-Nutar Dott. Rosalyn Aquilina, datata 22 ta' Frar, 2024 (vera kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument B), fejn l-atturi

5. That subsequently, the applicants appeared on a preliminary agreement before Notary Dr Rosalyn Aquilina, dated 22nd February, 2024 (a true copy of which is here attached and marked as Document B), whereby the plaintiffs

proprjetarji tal-maġġorparti wiegħdu illi jbigħu versu u a favur is-soċjetà Bankuncin Limited (C102735), li llum bidlet l-isem u saret R. F Estate's Limited (liema reżoluzzjoni flimkien mal-memorandum and articles of association qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dokument C), u ċoè l-kompratur prosettiv, il-proprjetà sħiħa konsistenti fil-fond bin-numru wieħed (1) u tnejn (2), Pjazza San Franġisk, Ħal Qormi (fil-konvenju msemmija Triq San Franġisk), bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha, u dan skont l-kundizzjonijiet u pattijiet kif kontenuti fl-istess konvenju, u dan versu l-prezz ta' mija u sittin elf euro (€160,000) għas-sehem sħiħ tal-proprjetà;

6. Illi tali konvenvju, għandu terminu ta' skandenza sal-ewwel (1) ta' Settembru elfejn u ħamsa u għoxrin (2025);

7. Illi iżda r-rikorrenti mhumiex f'pożizzjoni illi jwettqu tali bejgh tal-proprjetà fl-intier tagħha, stante li ma setax jiġi magħruf ta' min huwa r-rimarrenti porzjon ta' tnejn minn tmienja, versu l-proprjetà, u dan minkejja diversi attentati sabiex ir-rimanenti koproprjetarji jiġu magħrufa, liema attentati iżda ma rriżultawx fil-pożittiv;

8. Illi għalhekk l-atturi odjerni, inkwantu jirrappreżentaw il-maġġorzanza tas-sidien, qegħdin jipprevalixxu ruħhom mill-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan sabiex jiġi approvat l-imsemmi bejgħ minn din l-Onorabbli Qorti;

9. Illi l-atturi ilhom iżommu inkomun is-surriferita proprjetà għal iżjed minn tliet (3) snin, u ħadd mis-sidien ma beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà surriferita, dan kif irid l-artikolu 495A(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi kontestwalment mar-rikors odjern, ir-rikorrenti qegħdin jippreżentaw d-dikjarazzjoni ġuramentata tagħhom skont il-liġi, u ċoè ai termini tal-artikolu 495A(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan apparti l-prospett surriferit, fejn ir-rikorrenti jaffermaw illi huma jaqblu mal-bejgħ tal-imsemmija proprjetà, u dan a tenur tal-konvenju surriferit.

Għaldaqstant, u għar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tawtorizza l-bejgħ tal-fond bin-numru wieħed (1) u tnejn (2) fi Pjazza San Franġisk (fil-konvenju msemmija Triq San Franġisk), Ħal Qormi, skont il-kundizzjonijiet hekk elenkati u ndikati fil-konvenju datat it-22 ta' Frar, 2024, ffirmat quddiem in-Nutar Dott. Rosalyn Aquilina;

proprietors of the largest party promised to sell at their own expense and in favour of the company Bankuncin Limited (C102735), which today changed the name and became R. F Estate's Limited (which resolution together with the memorandum and articles of association are being here attached and marked as Document C), and namely the prosective purchaser, all the property consisting of the premises with number one (1) and two (2), Pjazza San Franġisk, Ħal Qormi (in the preliminary agreement named Triq San Franġisk), with all its rights and appurtenances, and this according to the conditions and pacts as contained in the same preliminary agreement, and this for the price of one hundred and sixty thousand euro (€160,000) for the full share of the property;

6. That such promise of sale agreement has a term of time till the 1st September two thousand and twenty five (2025);

7. That the applicants are not in a position to carry out such sale of the property in its entirety, since it could not be known who is the remaining portion of two out of eight, towards the property, and this despite various attempts so that the remaining co-owners be known, which attempts did not result in the positive;

8. That thus the present plaintiffs, in so far as they represent the owners' majority, are availing themselves of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta, and this in order that the said sale be approved by this Honourable Court;

9. That the plaintiffs have held in common the above mentioned property for more than three (3) years, and none of the owners commenced an action before any court or other tribunal for the partition of the above mentioned property, as required by Article 495A(1) of Cap. 16 of the Laws of Malta;

10. That together with the present application, the applicants are presenting their oath declaration according to law, and namely in terms of Article 495A(2) of Cap. 16 of the Laws of Malta and this apart from the prospectus above referred to, whereby the applicants affirm that they agree with the sale of the said property, and this in terms of the preliminary agreement above referred to.

Thus, and for the reasons premised, the applicants humbly ask this Honourable Court to:

1. Authorise the sale of the premises with number one (1) and two (2) in Pjazza San Franġisk (in the preliminary agreement mentioned Triq San Franġisk), Ħal Qormi, according to the conditions thus listed and indicated in the preliminary agreement dated 22nd February, 2024, signed before Notary Dr Rosalyn Aquilina;

2. Tiffissa data, ħin u lok fejn għandu jitwettaq u konsegwentament jiġi ppubblikat l-eventwali att ta' Akkwist/Bejgħ;

3. Taħtar lin-Nutar Pubbliku Dott. Rosalyn Aquilina sabiex tippubblika l-Att Pubbliku relattiv, u kwalunkwe att neċessarju relattiv mal-istess bejgh tal-proprjetà inkwistjoni;

4. Taħtar perit sabiex tiġi provduta stima ta' valutazzjoni tal-proprjetà fis-suq tal-lum;

5. Taħtar, tikkonferma u tawtorizza lil kuraturi deputati maħtura f'dawn il-proċeduri sabiex jidhru fuq l-Att Pubbliku relattiv u jirrappreżentaw l-interessi tal-konvenuti, f'każ li l-konvenuti jibqgħu mhux magħrufa;

6. Tagħti direzzjoni u tordna lin-Nutar Pubbliku Dott. Rosalyn Aquilina, sabiex tiddepożita s-sehem spettanti (tal-koproprjetarji mhux magħrufa) fir-Reġistru tal-Qrati, mir-rikavat ta' tali bejgħ, taħt l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti, u dan wara li jitnaqqsu mil-istess rikavat l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni u dawk abbinati mal-bejgħ.

U dan salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1064/2024AB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-21 ta' Ottubru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika intimat: Kuraturi kif debitament maħtura

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Settembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Fix a date, time and place where the eventual deed of acquisition/sale is to be carried out and consequently published;

3. Instruct Notary Public Dr Rosalyn Aquilina to publish the relative Public deed, and any necessary deed relative to the same sale of the property in question;

4. Appoint an architect to provide an evaluation of the property in today's market;

5. Appoint, confirm and authorise deputy curators appointed in these procedures to appear on the relative Public deed and represent the interests of the defendants, in case the defendants remain unknown;

6. Give direction and order Notary Public Dr Rosalyn Aquilina, to deposit the corresponding share (of the unknown co-owners) in the Registry of the Civil Courts, from the proceeds of such sale, under the authority of this Honourable Court, and this after deducting from the same proceeds the costs of the present proceedings and those connected with the sale.

And this saving any other provision that this Honourable Court deems fit and opportune.

With costs against the defendants.

The Sworn application number 1064/2024AB in the names mentioned above is postponed to 21st October, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Curators as duly appointed

Registry of the Superior Courts, today 1st September, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2237

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fis-26 ta' Ġunju, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 433/2015 fl-ismijiet Carmelo Degabriele (KI 188543M) u Ernest Degabriele (KI 568732M) u b'digriet tad-19 ta' Mejju, 2022, stante l-mewt tal-attur Carmelo Degabriele fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju f'ismu ġie trasfuż f'isem Beatrice Degabriele vs b'digriet tal-1 ta' Ġunju, 2015, l-Avukat Dott. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Erminia mart Joseph Conti (KI 542937M) u b'degriet tat-3 ta' Mejju, 2017, l-aħwa Norbert Degabriele, Mario Degabriele, Alexander Degabriele, Andrew Degabriele, Stephen Degabriele u Raymond Degabriele ġew ammessi bħala

By decree delivered by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 26th June, 2025, in the records of Application Number 433/2015 in the names Carmelo Degabriele (ID 188543M) and Ernest Degabriele (ID 568732M) and by decree of the 19th May, 2022, due to the death of the plaintiff Carmelo Degabriele during the proceedings, the acts in his name was transferred onto the name of Beatrice Degabriele vs by decree of the 1st June 2015, Advocate Dr Joseph Ellis and Legal Procurator Liliana Buhagiar have been nominated deputy curators to represent the absent Erminia wife of Joseph Conti (ID 542937M) and by decree of the 3rd May, 2017, the siblings Norbert Degabriele, Mario Degabriele, Alexander Degabriele,

intervenuti fil-kawża, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Norbert Degabriele a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 433/2015 ippreżentat fit-13 ta' Mejju, 2025, l-appellanta Beatrice Degabriele ħassitha aggravata bis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti mogħtija fl-14 ta' April, 2025, bl-aggravju jirrigwarda id-dispożittiv tas-subparagrafu (vii) – paragrafu sebgħin (70) tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ċaħdet ir-raba' talba proposta mill-appellanta odjerna.

Għaldaqstant, l-appellanta umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' l-aggravju minnha sollevat u konsegwentement, minflok tiċħad ir-raba' talba tal-appellanti, tilqagħha kif mitlub f'dan l-appell bl-ispejjeż ta' din l-istanza għall-konvenuta appellata.

Notifika: Norbert Degabriele, 16, Sacre Coeur, Triq l-Imqades tal-Qedem, Ħal Tarxien

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 30 ta' Lulju, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Andrew Degabriele, Stephen Degabriele and Raymond Degabriele were admitted as interveners in the cause, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Norbert Degabriele in terms of Article 187 (3) sequitur of the Cap. 12.

By means of Appeal Application number 433/2015 filed on 13th May, 2025, the appellant Beatrice Degabriele felt aggrieved by the judgment pronounced by the First Hall of the Civil Court on 14th April, 2025, on grounds related to the operative part of subparagraph (VII) – paragraph seventy (70) of the appealed judgment whereby the Court of First Instance dismissed the fourth demand proposed by the present appellant.

Therefore, the appellant humbly requests that this Honourable Court reforms the appealed judgment by upholding the grounds raised by it and consequently, instead of dismissing the fourth demand by the appellant, uphold it as requested in this appeal with costs of this instance against the respondent defendant.

Notification: Norbert Degabriele, 16, Sacre Coeur, Triq l-Imqades tal-Qedem, Ħal Tarxien

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 30th July, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2238

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fil-15 ta' Lulju, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 121/22 fl-ismijiet Marquis Dott. Anthony Cremona Barbaro (KI 0459555M), Flimkien għal Ambjent Aħjar vs l-Awtorità tal-Ippjanar u l-kjamat in kawża, Paul Farrugia (KI 454598M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Paul Farrugia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 121/22 ippreżentat fid-19 ta' Mejju, 2025, l-appellant Avukat Anthony Cremona Barbaro ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar mogħtija fid-29 ta' April, 2025, fejn dan it-Tribunal ċaħad l-appell u kkonferma l-permess PA2316/21 kif maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar. L-aggravji huma:

By means of a decree given by the Court of Appeal, Inferior Jurisdiction, on the 15th July, 2025, in the records of Application number 121/22in the names Marquis Dr Anthony Cremona Barbaro (ID 0459555M), Flimkien għal Ambjent Aħjar vs the Planning Authority and the party called into suit, Paul Farrugia (ID 454598M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Paul Farrugia in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In Appeal Application number 121/22 filed on the 19th May, 2025, the appellant Advocate Anthony Cremona Barbaro feels aggrieved by the decision of the Environment and Planning Review Tribunal dated 29th April, 2025, whereby this Tribunal dismissed the appeal and confirmed the PA2316/21 permit as issued by the Planning Authority. The grounds of appeal are:

1. It-Tribunal imsemmi ma tax ġustifikazzjoni u motivazzjoni adegwata għad-diverġenza mill-opinjoni tal-konsulent estern is-Sovraintendenza tal-Wirt Kulturali li l-iżvilupp għandu jiġi limitat għal żewġ sulari, bi ksur tal-Artikolu 72 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta meta t-Tribunal straħ fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti;

2. Id-Deċiżjoni tat-Tribunal rigward il-commitments hija żbaljata u bbażata fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti u ngħatat interpretazzjoni żbaljata minnu tal-principju tal-'commitments' – specjalment fl-ambitu tal-iskedar;

3. F'din id-deċiżjoni t-Tribunal skarta deċiżjoni tat-Tribunal diversament kompost fid-deċiżjoni fl-appell PAB 232/09 b'nuqqas ta' ġustifikazzjoni għal din l-omissjoni.

Għaldaqstant, l-appellant, filwaqt li jagħmel referenza għall-provi u sottomissjonijiet kollha ġja prodotti u magħmula quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal- Ambjent u l-Ippjanar u filwaqt li jirrizerva d-dritt li jressaq dawk il-provi u sottomissjonijiet kollha lilu permessi skont il-liġi, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hawn fuq referita u tirrevoka l-permess bin-numru PA 2316/21. L-Appellant jitlob ukoll lil din Onorabbli Qorti sabiex tagħti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u ġusti.

Ir-Rikors tal-Appell numru 121/22 fl-ismijiet Marquis Dott. Anthony Cremona Barbaro, Flimkien għal Ambjent Aħjar vs l-Awtorità tal-Ippjanar u l-kjamat in kawża, Paul Farrugia jinsab iddifferit għal nhar il-15 ta' Ottubru, 2025, jissejjaħ fit-8.30 a.m.

Notifika: Paul Farrugia, 1, Triq id-Dejma, Ħal Tarxien

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 30 ta' Lulju, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. The said Tribunal did not provide adequate justification and motivation for the divergence from the opinion of the external consultant the Superintendence of Cultural Heritage that the development should be limited to two floors, in violation of Article 72 of Cap 552 of the Laws of Malta since the Tribunal relied on irrelevant considerations;

2. The Tribunal's decision on commitments is erroneous and based on irrelevant considerations and it has misinterpreted the principle of 'commitments' – especially in the context of scheduling;

3. In that decision, the Tribunal set aside the decision by the Tribunal, under a different composition of its members, in the appeal PAB 232/09 with no justification for this omission;

Therefore, the appellant, whilst referring to all the evidence and submissions already produced and made before the Environment and Planning Review Tribunal and whilst reserving the right to bring forward all the evidence and submissions permitted to him according to law, respectfully requests this Honourable Court to revoke the decision of the Environment and Planning Review Tribunal above referred to and revoke the permit numbered PA 2316/21. The appellant also requests this Honourable Court to give all those provisions it deems fit and just.

Appeal Application number 121/22 in the names Marquis Dr Anthony Cremona Barbaro, Flimkien għal Ambjent Aħjar vs the Planning Authority and the party called into suit, Paul Farrugia has been deferred to the 15th October, 2025, to be called at 8.30 a.m.

Notification: Paul Farrugia, 1, Triq id-Dejma, Ħal Tarxien

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 30th July, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2239

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fil-15 ta' Lulju, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 100/2024 fl-ismijiet Joseph Vella (KI 69146G) vs l-Awtorità tal-lppjanar u l-kjamat in kawża, Peter Paul Debono (KI 014075G), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika

By means of a decree given by the Court of Appeal, Inferior jurisdiction, on the 15th July, 2025, in the records of Application number 100/2024 in the names Joseph Vella (ID 69146G) vs Planning Authority and the party called into suit, Peter Paul Debono (ID 014075G), the following

fil-konfront ta' Peter Paul Debono a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 100/2024 ippreżentat fl-14 ta' April, 2025, l-appellant Joseph Vella ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-27 ta' Marzu, 2025, bl-aggravji:

1. It-Tribunal imsemmi ta deċiżjoni żbaljata u irraġjonevoli b'nuqqas ta ' aderenza mal-Policy P4 Applying Height to Width Ratio in Urban Conservation Areas u P6 Transition Design Solutions tal-Linji Gwida DC 15 – it-Tribunal lanqas biss indirizza l-aggravju rigward in-nuqqas ta' aderenza mal-Policy P4 fi Sqaq Ta' Xaman b'deċiżjoni nieqsa minn motivazzjoni;

2. Id-deċiżjoni tat-Tribunal hija żbaljata wkoll għaliex ikkommettiet misinterpretazzjoni u naqset milli taderixxi mal-Policy P39 tal-Linji Gwida DC 2015 Setback Floors in Urban Conservation Areas;

3. Id-deċiżjoni appellata hija żbaljata u irragjonevoli wkoll għaliex tippekka f'nuqqas ta' aderenza mal-Oggettivi 2.4 u 8.7 tal-iSPED, nuqqas ta ' aderenza mal Artiklu 72 tal-Kapitlu 552 tal- Liġijiet ta Malta, nuqqas ta' ġustifikazzjoni raġjonevoli għal iskartar tal-opinjoni esperta tas-Sovraintendenza tal-Wirt Kulturali rigward it-twaqqigħ tal-partijiet kulturalment importanti u l-għoli, il-massing u l-volum tal-iżvilupp.

Għaldaqstant, l-appellant, filwaqt li jagħmel referenza għall-provi u sottomissjonijiet kollha ġa prodotti u magħmula quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u filwaqt li jirriżerva d-dritt li jressaq dawk il-provi u sottomissjonijiet kollha lilu permessi skont il-liġi, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hawn fuq referita. L-appellant jitlob ukoll lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tagħti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u ġusti, inkluż ir-revoka tal-permess inkwistjoni peress li mhux konformi mal-Pjan Lokali u Policies oħrajn rilevanti.

Ir-Rikors numru 100/2024 fl-ismijiet Joseph Vella (KI 69146G) vs l-Awtorità tal-lppjanar u l-kjamat in kawża, Peter Paul Debono jinsab iddifferit għal nhar il-15 ta' Ottubru, 2025, tissejjaħ fit-8.30 a.m.

publication was ordered for the purpose of effecting service on Peter Paul Debono in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In Appeal Application number 100/2024 filed on the 14th April, 2025, the appellant Joseph Vella felt aggrieved by the decision of the Environment and Planning Review Tribunal of the 27th March, 2025 on the grounds that:

1. The said Tribunal pronounced an erroneous and irrational decision of non-adherence to the Policy P4 applying height to width ratio in Urban Conservation Areas and P6 Transition Design solutions of Guidelines DC 15 – the Tribunal did not even address the grievance regarding non-adherence to Policy P4 in Xaman Lane with a decision lacking motivation;

2. The Tribunal's decision is also incorrect because it misinterpreted and failed to adhere to Policy P39 of the 2015 DC Guidelines setback floors in Urban Conservation Areas;

3. The contested decision is also erroneous and irrational because it errs through non-adherence to Objectives 2.4 and 8.7 of the SPED, non-adherence to Article 72 of Cap. 552 of the Laws of Malta, lack of reasonable justification for disregarding the expertise of the Superintendence of Cultural Heritage regarding the demolition of culturally important and height, massing and volume of development.

Therefore, the appellant, whilst referring to all the evidence and submissions already produced and made before the Environment and Planning Review Tribunal and whilst reserving the right to bring forward all the evidence and submissions permitted to him according to law, respectfully requests this Honourable Court to cancel and revoke the decision pronounced by the Environment and Planning Review Tribunal above referred to. The appellant also asks this Honourable Court to give all those provisions it deems fit and just, including the revocation of the permit in question as it is not in line with the Local Plan and other relevant policies.

Application number 100/2024 in the names Joseph Vella (ID 69146G) vs Planning Authority and the party called into suit, Peter Paul Debono has been deferred for hearing to the 15th October, 2025, to be called at 8.30 a.m.

Notifika: Peter Paul Debono, Pawlu s-Sigla Farmhouse, No. 1, Triq il-Qala, Il-Qala QLA 1234, Għawdex

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 30 ta' Lulju, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Peter Paul Debono, Pawlu s-Sigla Farmhouse, No. 1, Triq il-Qala, Il-Qala QLA 1234, Gozo

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day, 30th July, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2240

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fis-7 ta' Lulju, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 588/2015 fl-ismijiet Alfred Desira (Ki 153045M) vs Josef Spagnol (KI 448978M) u Horace Camilleri (KI 266675M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Alfred Desira a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 588/2015 ppreżentat fit-28 ta' Marzu, 2025 l-appellanti Josef Spagnol (ID 448978M) u Horace Camilleri (ID 266675M) ħassewhom aggravati bis-sentenza deċiża parzjalment tas-26 ta' Settembru, 2018, u s-sentenza finali tat-28 ta' Frar, 2025, bl-aggravju li l-ewwel qorti ma afferratx kif jixraq il-provi prodotti u għamlet valutazzjoni, fattwali u legali, għalkollox errata tagħhom u wkoll wettqet apprezzament żbilanċjat tal-fatti kif lilha mressqa mill-partijiet u wkoll interpretat ħażin ċerti aspetti ġuridiċi tal-vertenza.

Għaldaqstant, l-appellanti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha tilqa' dan l -appell billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata datata 26 ta' Settembru, 2018, fl-ismijiet fuq premessi u minflok tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-appellanti u b'hekk tiċħad it-talbiet kollha tal-attur appella; u tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata datata 28 ta' Frar, 2025, fl-ismijiet fuq premessi u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u tiċħad it-talbiet kollha tal-attur appellat: bl-ispejjeż kollha, kemm dawk ta' quddiem il-Qorti tal-Ewwel Grad kif ukoll ta ' dawk quddiem din l-Onorabbli Qorti, a karigu tal-attur appellat.

Notifika: Alfred Desira, 153, St Rita, Triq il-President Anton Buttigieg, Iż-Żejtun

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 31 ta' Lulju, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal Superior Jurisdiction, on the 7th July, 2025, in the records of Application number 588/2015 in the names Alfred Desira (ID 153045 M) vs Josef Spagnol (ID 448978M) and Horace Camilleri (ID 266675M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Alfred Desira in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

By means of Appeal Application number 588/2015 filed on the 28th March 2025 the appellant Josef Spagnol (ID 448978M) and Horace Camilleri (ID 266675M) felt aggrieved by the partially decided judgment dated 26th September, 2018, and the final judgement dated 28th February, 2025, on the grounds that the first court did not properly comprehend the evidence produced and made a completely erroneous assessment in fact and at law and also made an unbalanced appreciation of the facts as produced by the parties and it also misinterpreted certain legal aspects of the dispute.

Therefore, the appellants ask this Honourable Court of Appeal to uphold this appeal by cancelling and revoking the appealed judgment dated 26th September, 2018, in the names above premised and instead it upholds the second plea by the appellants and thus dismisses all the demands by the respondent plaintiff; and also to cancel and revoke the appealed judgment dated 28th February, 2025, in the names above premised and instead uphold the pleas by the defendant appellants and dismiss all the demands by the respondent plaintiff: with all costs, both those before the Court of First Instance and those before this Honourable Court which shall be borne by the respondent plaintiff.

Notification: Alfred Desira, 153, St Rita, Triq il-President Anton Buttigieg, Żejtun

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 31st July, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603